MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 260/2008

**HSBC Bank Malta PLC reg. No. C3177**

**Vs**

**Richard Gauci ID 318574(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tal-ammont ta' Euro11,204.84 (hdax il-elf, mitejn u erba' euro u erbgha u tmenin centezmi) lis-socjeta' attrici wara self maghmul mis-socjeta' attrici (Dok A sa Dok F). Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta' April 2008 u tal-mandat ta' sekwestru ppresentat mal-avviz u bl-imghax legali sal-pagament finali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2 sa fol 13 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-22 ta' Ottubru 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' €11,204.84 bl-imghaxijiet legali mill-21 ta’ Lulju 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta’ April 2008 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tal-21 ta’ Lulju 2008 kif ukoll tal-ittra ufficjali esebita in atti a fol 12 u datata s-17 ta’ April 2008.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------